# Għall-mejta tiegħu

*(Waqt wieħed f'Tijatru)*

Tmiem l-aħħar att. Ċapċip. Agħjat.

Attur mexa fid-dawl tal-palk u sellem għajnejh imgħawma fid-dmugħ; mhux fi dmugħ ta' ferħ, kif ħasbet il-kotra tan-nies li biddlet il-qiegħa tal-palk fi ġnien imwarrad għalih, imma fi dmugħ ta' għali, ta' hemm, ta' mrar.

L-ilbies ilellex ta' dik l-ewwel wirja, il-ġojelli jilmaw u jiddu fuq l-isdra ta' l-isbaħ nisa li kienu qegħdin iċapċpu mbissma jħarsu lejh, u dak kollu li juri seħer għall-ħila ta' bniedem, dak in-nhar ma kienu xejn għalih. Xejn! Kollox nesa. Ma sama' xejn. Ma ra xejn. Ħsiebu kien f'naħa waħda. Minn ħarstu kienet ħierġa dija fuq siġġu battal f'palk battal qrib tiegħu.

Huwa biss—minn dawk kollha li kienu fit-tijatru—sata' jara fuq dak is-siġġu battal, miksi bl-iswed, il-għajnejn imniktin ta' mara żagħżugħa qiegħda ċċapċaplu, qiegħda twaddablu l-ward u titbissimlu.

Mill-palk "tagħha" sama' ċapċip li ħadd ħliefu ma sama'. Ra idejn ħelwin ifaqqgħu ma' xulxin li ħadd għajru ma rahom.

Martu, żagħżugħa sbejħa ta' 24 sena, kienet metitlu f'dak il-jum li ma' tulu huwa ma kienx tqanqal minn ħdejha. U meta mietet huwa qata' li l-wirja li fiha kellu jidher huwa fl-ewwel lejla ta' xogħol tijatrali kbir, issir xorta waħda. U l-palk li kien refa' għaliha jibqa' battal. Huwa ħass li m'għandux jonqos minn dmiru lejn eluf ta' nies li kienu qegħdin jistennew il-wasla ta' dik il-lejla bla sabar. Bħalha! Imma meta dik il-lejla waslet, il-mantar sewdieni tal-mewt keffinha fih, qeridha fir-rebbiegħa ta' ħajjitha u firidha minnu.

N. BIANCARDI